



Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

2016/2053(INI)

19.7.2016

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

għall-Kumitat għall-Iżvilupp

dwar il-futur tar-relazzjonijiet AKP-UE wara l-2020
(2016/2053(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Pedro Silva Pereira

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali jistieden lill-Kumitat għall-Iżvilupp, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jissottolinja li l-kooperazzjoni attwali AKP-UE ma wasslitx riżultati ottimali għall-partijiet tal-ftehim u jenfasizza, għaldaqstant, li l-użu futur tal-istess strumenti fir-relazzjonijiet mal-pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP) jista' jkollu biss effetti limitati fuq l-iżvilupp tagħhom;
2. Jagħmel appell għal qafas effikaċi post-Cotonou adattat għall-isfidi globali ġodda u emerġenti, imsejjes fuq is-sjieda u r-responsabilità tal-pajjiżi AKP u jissottolinja r-rwol fundamentali tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) u tad-drittijiet tal-bniedem; jevidenzja li l-qafas post-Cotonou jrid jiġi definit f'kooperazzjoni stretta mal-pajjiżi AKP, inkluża s-soċjetà ċivili, f'koordinament mal-organizzazzjonijiet reġjonali rilevanti, u jrid jissejjes fuq l-analiżi tal-Ftehim ta' Sħubija ta' Cotonou u t-tagħlimiet li ttieħdu minnu, waqt li fl-istess ħin tkun evitata d-duplikazzjoni ta' sforzi u strutturi; jitlob li l-qafas post-Cotonou l-ġdid iqiegħed fil-qalba tal-oġettivi tiegħu t-tkabbir u l-żvilupp; jenfasizza li l-ftehim qafas ġenerali rivedut, ta' natura ġuridikament vinkolanti, flimkien mal-ftehimiet ta' sħubija ekonomika (FSE) reġjonali u l-istrumenti kummerċjali l-oħra, partikolarment l-inizjattiva "Kollox h'ief Armi" u s-Sistema tal-Preferenzi Ġeneralizzati (SPĠ/SPĠ+), iridu jsostnu l-kummerċ ġust u sostenibbli, l-integrazzjoni reġjonali, u fl-aħħar mill-aħħar, il-ħolqien tal-ġid, l-iżvilupp sostenibbli u t-tnaqqis tal-inugwaljanzi u tal-faqar, u jipprevedu mekkaniżmu eżegwibbli li jippermetti li jkun garantit ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem;
3. Ifakkar li l-FSE huma strument kruċjali ta' żvilupp biex tingħata għajnuna ħalli jittaffa l-faqar fit-tul; jenfasizza l-fatt, madankollu, li l-liberalizzazzjoni tal-kummerċ trid tkun akkumpanjata minn miżuri effikaċi u sostenn għall-iżvilupp f'termini ta' bini tal-kapaċitajiet, produzzjoni, kapaċitajiet ta' infrastruttura u ta' esportazzjoni u żvilupp tas-settur privat nazzjonali, speċjalment għal dak li għandu x'jaqsam mal-pajjiżi l-anqas żviluppati, bil-għan li jingħataw għajnuna biex jisfruttaw l-opportunitajiet li joffri l-kummerċ;
4. Isostni l-ħolqien ta' żona kontinentali ta' kummerċ ħieles maħsuba biex tiggarantixxi l-integrazzjoni ekonomika approfondita tal-54 Stat tal-kontinent Afrikan; jagħmel appell għal ridefinizzjoni tas-sħubija AKP-UE ħalli ssir kompatibbli mal-ħolqien ta' din iż-żona kontinentali ta' kummerċ ħieles;
5. Josserva li l-kummerċ hu wieħed mit-tliet pilastri tal-Ftehim ta' Cotonou u jenfasizza li l-proċess post-Cotonou jmissu joffri qafas għad-diskussjoni tal-kwistjonijiet kummerċjali ta' interess komuni mal-pajjiżi AKP kollha u l-partijiet interessati rilevanti; jappella għal ftehim post-Cotonou li jagħmilha ta' ftehim politiku qafas li abbażi tiegħu jkunu f'fissati rekwiżiti minimi vinkolanti għall-FSE, fosthom skrutinju parlamentari konġunt u mekkaniżmi strutturati ta' monitoraġġ mis-soċjetà ċivili; jagħmel appell lill-Kummissjoni tiggarantixxi monitoraġġ regolari tal-implimentazzjoni tal-FSE bil-għan li possibbilment jiġu aġġornati; jagħmel appell għal tisħiħ tal-kooperazzjoni kummerċjali, li tkun ġusta u bbilanċjata, filwaqt li jinkoraġġixxi r-riformi ekonomiċi sistemiċi u li jqis l-ispeċifitajiet u l-prijoritajiet tad-diversi pajjiżi u tad-diversi reġjuni AKP; jargumenta favur dawn ir-

relazzjonijiet kummerċjali dment li jkunu mmexxija minn approċċ ibbażat fuq il-valuri u fuq titjib tal-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp, kif propost fil-komunikazzjoni intitolata "Kummerċ għal kulħadd: Lejn politika aktar responsabbli għall-kummerċ u l-investiment"; jagħmel appell għal qafas post-Cotonou li jqis id-dimensjoni tal-ġeneru tal-kummerċ; jemmen li t-tkabbir inklużiv, il-ħolqien ta' xogħol dinjituż, il-governanza ekonomika, l-integrazzjoni reġjonali, il-promozzjoni tal-kooperazzjoni fil-qasam tal-investimenti, l-iżvilupp tas-settur privat (speċjalment tal-mikroimpriżi u impriżi żgħar), id-diversifikazzjoni ekonomika, il-promozzjoni tal-industriji naxxenti u l-iżvilupp agrikolu sostenibbli kif ukoll il-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali għandhom jikkostitwixxu l-qalba ta' sħubija ekonomika futura;

6. Jenfasizza li mhux biss il-ftehimiet kummerċjali, fosthom il-FSE, iżda wkoll l-investimenti huma ta' importanza kbira għall-iżvilupp tal-ekonomiji tal-pajjiżi AKP, għattnaqqis tal-qgħad u għall-inklużjoni soċjali; għal dan il-għan, jemmen li l-arranġamenti futuri wara l-2020 għandhom jipprevedu dispożizzjonijiet adegwati li jsostnu l-proċessi ta' investiment;
7. Jenfasizza li l-qafas post-Cotonou għandu jippromwovi l-iżvilupp sostenibbli, id-drittijiet tal-bniedem, l-istandards fundamentali tax-xogħol u l-governanza tajba, anki billi jkunu indirizzati l-korruzzjoni u l-flussi finanzjarji illeċiti, fuq il-bażi tal-istandards internazzjonali; jappella għal dispożizzjonijiet b'saħħithom u eżegwibbli għall-iżvilupp sostenibbli u qafas adegwat fil-qasam tar-responsabbiltà soċjali tal-kumpaniji; jitlob, b'mod partikolari, li l-klawsola dwar l-"elementi essenzjali" fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem tinżamm fil-ftehim futur, konformement mal-Prinċipji Gwida tan-Nazzjonijiet Uniti dwar in-Negożju u d-Drittijiet tal-Bniedem, b'tali mod li l-klawsoli ta' konnessjoni tal-FSE – partikolarment il-klawsoli ta' noneżekuzzjoni – jibqgħu jgħoddu wara l-2020;
8. Jikkunsidra li huwa ferm importanti li l-qafas post-Cotonou jintroduċi miżuri ta' faċilitazzjoni tal-kummerċ bil-għan li jespandi l-iskambju intra-Afrikan ta' prodotti industrijali u agrikoli;
9. Josserva l-importanza ta' Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE mġedda, kif ukoll tal-involviment tagħha fil-fażijiet kollha tad-diskussjoni dwar il-qafas post-Cotonou, u jargumenta favur kontroll parlamentari rigoruż tal-qafas futur; jitlob monitoraġġ tal-kooperazzjoni AKP-UE orjentat lejn ir-riżultati u perjodiku, speċjalment f'dak li għandu x'jaqsam mad-drittijiet tal-bniedem, il-kummerċ, l-iżvilupp sostenibbli u l-kummerċ ġust;
10. Jenfasizza li l-involviment tas-soċjetà ċivili u tal-partijiet interessati, bħat-trade unions, l-impriżi – inklużi l-SMEs – u l-awtoritajiet lokali, huwa indispensabbli fil-fażijiet kollha tal-implimentazzjoni tal-FSE u tal-proċess post-Cotonou; jagħmel appell lill-Kummissjoni tippromwovi l-parteeċipazzjoni tas-soċjetà ċivili fir-relazzjonijiet formali AKP-UE;
11. Ifakkar l-impenji meħudin fil-qasam tal-finanzjament għall-iżvilupp tal-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa u l-importanza tagħhom għall-finijiet tar-realizzazzjoni tal-SDGs; jissottolinja l-bżonn ta' elaborazzjoni ta' regoli tat-tassazzjoni ċari u trasparenti biex jiżjed id-dħul nazzjonali; josserva l-importanza tal-bini tal-kapaċitajiet kummerċjali peress li l-industrijalizzazzjoni u d-diversifikazzjoni tal-ekonomiji AKP jibqgħu limitati, u jappella biex issir analiżi bir-reqqa tal-bżonnijiet tal-pajjiżi AKP f'termini ta' żvilupp tal-kummerċ u tal-investimenti; jitlob lill-UE tiggarrantixxi finanzjamenti adegwati u effikaċi għall-Għajnuna għall-Kummerċ biex trawwem it-trasferiment tat-teknoloġija u ssostni l-

isforzi tal-pajjiżi AKP maħsuba biex jimplimentaw il-Ftehim tal-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ tad-WTO, jintegraw ruħhom progressivament fl-ekonomija dinjija u javvanzaw fil-katini tal-valur globali u reġjonali; josserva li l-ġħajnuna finanzjarja għandha tkun interkonnessa ma' proġetti kooperattivi konkreti intenzi li jtejbu s-sistemi infrastrutturali, edukattivi u soċjali tal-pajjiżi AKP;

12. Jagħmel ukoll appell lill-UE li jqawwi s-sostenn tagħha biex tgħin lill-pajjiżi rikki fir-riżorsi jimplimentaw il-prinċipji tal-Inizjattiva għat-trasparenza tal-industriji estrattivi (EITI) ta' aktar trasparenza u obbligu ta' rendikont fis-setturi taż-żejt, tal-gass u tal-minjieri.

**RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	14.7.2016
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 30 -: 0 0: 4
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	William (The Earl of) Dartmouth, Laima Liucija Andrikienė, Maria Arena, Karoline Graswander-Hainz, Yannick Jadot, Ska Keller, Jude Kirton-Darling, Alexander Graf Lambsdorff, Bernd Lange, Emmanuel Maurel, Anne-Marie Mineur, Sorin Moisă, Godelieve Quisthoudt-Rowohl, Inmaculada Rodríguez-Piñero Fernández, Marietje Schaake, Helmut Scholz, Joachim Schuster, Joachim Starbatty, Iuliu Winkler, Jan Zahradil
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Reimer Böge, Victor Boștinaru, Klaus Buchner, Seán Kelly, Gabriel Mato, Bolesław G. Piecha, Pedro Silva Pereira, Ramon Tremosa i Balcells, Wim van de Camp, Jarosław Wałęsa, Pablo Zalba Bidegain
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Mara Bizzotto, Bernd Kölmel, Jozo Radoš, Dariusz Rosati, Paul Rübig, Mylène Troszczynski